MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2154/2004

**Elmo Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Gemma Depasquale u l-istess Gemma Depasquale**

**vs**

**Jurgen Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Novembru, 2004 fejn intqal illi:**

**Din hija istanza fejn l-atturi qed jitolbu l-kundanna tal-konvenut ghal risarciment ta' danni fl-ammont ta' erba' mija u tliet liri u sitta u disghin centezmu (Lm403.96) [rapport tal-pulizija - Lm3 (Dok.A u Dok.B) survey fee - Lm12 (Dok.C) tiswija u parts - Lm388.96c (Dok.D sa Dok.G)] [in kwantu ghal Lm328.96c lis-**

**socjeta' attrici Elmo Insurance Limited u in kwantu ghal Lm75 lil Gemma Depasquale] minnu kkagunati u minnhom subiti in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara Hal-Qormi fl-1 ta' Dicembru 2003 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru.IBI 046 habat mal-vettura Nru. JMJ 734, propjeta' tal-attrici Gemma Depasquale u misjuqa minnha, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.**
**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-kawza, komprizi dawk tat-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tal-11 ta' Ottubru 2004, dawk tal ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri u l-imghax legali b'effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fis-6 ta' Dicembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident *de quo* u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm328.96), u lill-attrici Gemma Depasquale s-somma ta' hamsa u sebghin lira (Lm75.00), ilkoll bl-imghax legali mill-15 ta' Novembru, 2004 sad-data tal-effettiv pagament .**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tal-11 ta' Ottubru 2004, dawk tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) presentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom kollha jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------